# Il-Ħadd 23.11.2014

1. Illum, 23/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fil-5:30pm - Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fejn bħala djoċesi ser nirringrazzjaw u nsellmu lill-E.T. Mons. Pawl Cremona, O.P. Arċisqof Emeritu, għall-Episkopat tiegħu f'pajjiżna tul dan l-aħħar tmin snin.

2. It-Tlieta 25/11:-
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Il-Ħamis 27/11:-
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ħadd 30/11, **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:-
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

5. Bħas-snin ta' qabel, il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Kalendarju bl-attivitajiet Parrokkjali għas-sena 2015. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.

6. Avviżi oħra:-
   - Il-membri u t-tfal tal-MUSEUM tas-Subien jixtiequ juru l-apprezzament tagħhom lil dawk kollha li ħadu sehem fil-Football Tournament fil-Five aside ground ta' Ħal Safi stess b'risq l-ispejjeż tas-*synthetic turf*. Waqt li jirringrazzjawkom, iwiegħdukom it-talb tagħhom.
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja qed tavża li għall-festi tal-Milied bi ħsiebha ssir Siġra tal-Milied mill-fliexken tal-plastic. Għaldaqstant titlobkom biex jekk ikollhom fliexken tal-ilma vojta bojod jew tal-kulur teħduhom l-iskola ħalli jintużaw għal dan il-għan.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 270 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja;
   - € 100 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi.

8. Nitolbu għal Pawla Zammit li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...